**Il-Ħadd**

**Ir-Raba' ġimgħa tas-salterju**

## IT-TIENI GĦASAR

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

## INNU

1.
Riesaq il-lejl, Mulejja,
bil-wegħda tal-mistrieħ;
ġa beda s-sema jħammar
fi nżul ix-xemx sabiħ!

2.
Dalwaqt jixirfu l-kwiekeb
filgħoli tas-smewwiet;
dalwaqt il-ħajja torqod,
kull ħoss imut fis-skiet.

3.
Inti, li dejjem tgħammar
fis-sebħ ta' jum bla tmiem,
fid-dlam tal-lejl ħarisna,
xerred fi qlubna s-sliem.

4.
Jagħtuk kull ġieħ il-ħlejjaq,
Mulej, għax int ħanin,
u tridna lkoll madwarek
fix-xirka tal-henjin. Amen.

## SALMODIJA

**Ant. 1** Sa minn qabel is-sebħ bħan-nida jien nissiltek, hallelujah.

### Salm 109 (110), 1-5.7

Il-kelma tal-Mulej lil Sidi: *
"Oqgħod fuq il-lemin tiegħi,
sa ma nqiegħed l-għedewwa tiegħek *
mirfes taħt riġlejk."

Ix-xettru tal-qawwa tiegħek
jibgħat il-Mulej minn Sijon: *
aħkem f'nofs l-għedewwa tiegħek.
Tiegħek is-setgħa sa minn twelidek

fuq l-għoljiet imqaddsa, *
sa minn qabel is-sebħ bħan-nida jien nissiltek.

Ħalef il-Mulej, u ma jisgħobx bih: *
“Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek!”
Sidi fuq il-leminija tiegħek, *
jidrob is-slaten f’jum il-qilla tiegħu.

Mill-wied jixrob fi triqtu, *
għalhekk jerfa’ ‘l fuq rasu.

Ant. Sa minn qabel is-sebħ bħan-nida jien nissiltek, hallelujah.
` Ant. 2 Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħa.

**Salm 111 (112)**

Hieni l-bniedem li jibża’ mill-Mulej, *
li jitgħaxxaq ħafna bil-kmandamenti tiegħu!
Kbar fuq l-art ikunu wliedu; *
nisel it-tajbin ikun imbierek.
Ġid u għana jkunu f’daru; *
għal dejjem tibqa’ l-ġustizzja tiegħu.

Dawl fid-dlam ifeġġ għat-tajbin; *
twajjeb u ħanin hu l-bniedem sewwa.
Tajjeb il-bniedem li jħenn u jislef, *
li jmexxi ħwejġu bir-reqqa.

Għax il-bniedem ġust qatt ma jitfixkel; *
għal dejjem tibqa’ t-tifkira tiegħu.
Xejn ma jibża’ minn aħbar ħażina; *
qalbu qawwija bit-tama fil-Mulej.

Qalbu qawwija, ma għandux m’niex jibża’, *
sa ma jara mxejjen l-għadu tiegħu.
Iqassam u jagħti lill-foqra; †
għal dejjem tibqa’ l-ġustizzja tiegħu; *
rasu merfugħa bil-ġieħ.

Jarah il-ħażin u jinkedd, †
jħeżħeż snienu u jtertaq qalbu. *
Imma x-xewqa tal-ħżiena tibqa’ bla temma.

Ant. Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħa.
Ant. 3 Faħħru lil Alla tagħna, intom il-qaddejja kollha tiegħu, iż-żgħar u l-kbar, hallelujah.

**Kantiku (Apok 19,1-2.5-7)**

Hallelujah.
Is-salvazzjoni u l-glorja u l-qawwa
huma ta' Alla tagħna, *
għax veri u ġusti huma l-ġudizzji tiegħu.
Hallelujah.

Hallelujah.
Faħħru lil Alla tagħna, intom il-qaddejja kollha tiegħu, *
intom li tibżgħu minnu, iż-żgħar u l-kbar!
Hallelujah.

Hallelujah.
Għax ħa s-saltna l-Mulej, Alla tagħna li jista' kollox, *
nifirħu u nithennew, u nagħtuh glorja.
Hallelujah.

Hallelujah.
Għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf, *
u l-għarusa tiegħu ħejjiet ruħha.
Hallelujah.

Ant. Faħħru lil Alla tagħna, intom il-qaddejja kollha tiegħu, iż-żgħar u l-kbar, hallelujah.

Fi żmien ir-Randan

*Kantiku (1 Pt 2, 21-24)*
Kristu bata għalikom, †
u ħallielkom eżempju, *
biex timxu fuq il-passi tiegħu.

Hu ebda dnub ma għamel, *
u ebda qerq ma ħareġ minn fommu;
meta għajruh, ma weġibx bit-tagħjir; †
meta bata, ma qagħadx jhedded; *
imma ħalla f'idejn dak li jagħmel ħaqq bis-sewwa.

Tgħabba f'ġismu bi dnubietna *
sa fuq l-għuda tas-salib,
biex aħna mmutu għad-dnubiet †
u ngħixu għall-qdusija. *
Bil-ġrieħi tiegħu intom fiqtu.

**LEZZJONI QASIRA Lhud 12,22-24**

Intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalemm tas-sema; ersaqtu lejn l-eluf ta' anġli f'ġemgħa ferrieħa, lejn il-ġemgħa ta' l-ulied ewlenin li isimhom hu miktub fis-sema, lejn Alla, l-imħallef

ta' kulħadd, lejn l-erwieħ ta' nies twajba magħmulin perfetti, lejn Ġesù, il-medjatur ta' patt ġdid, u lejn id-demm imraxxax tiegħu, li jitkellem b'mod aqwa minn dak ta' Abel.

## RESPONSORJU QASIR

R. Kbir Sidna l-Mulej, * U ta' qawwa kbira. Kbir.
V. Bla tarf l-għerf tiegħu. * U ta' qawwa kbira. Glorja. Kbir.

Ant. tal-kantiku ta' Marija: Is-setgħani għamel magħna ħwejjeġ kbar għax ftakar fil-ħniena tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kantiku ta' Marija: Is-setgħani għamel magħna ħwejjeġ kbar għax ftakar fil-ħniena tiegħu.

## PREĊI

Infissru l-ferħ tagħna lil Alla, li minnu jiġina kull ġid, u b'qalb sinċiera ngħidulu:
*Mulej, isma' t-talb tagħna.*
Missier u Sid il-ħlejjaq, int bgħatt lil Ibnek fid-dinja biex ismek ikun igglorifikat kullimkien:
- qawwi x-xhieda tal-Knisja tiegħek fost il-ġnus.
Agħmilna dixxipli tajba tal-predikazzjoni ta' l-Appostli:
- agħtina li nuru bl-għemil dak li nemmnu bil-fidi.
Inti tħobb lill-bnedmin ġusti:

- agħmel ħaqq lill-maħqurin.
Eħles lill-imjassrin, iftaħ għajnejn l-għomja:
- erfa' lill-milwijin, ħares lill-barranin.
Temm ix-xewqa ta' ħutna li diġà raqdu fis-sliem tiegħek:
- qaddishom bil-qawmien ta' Ibnek.

**Missierna**

**Talba mill-Proprju taż-żmien.**

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**